MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Avviz Numru. 9/2014

**The General Soft Drinks Company Limited (C 1591)**

**vs**

**Sean Michael Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Jannar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut

ihallasha l-ammont ta' sitt elef, tmien mija, tnejn u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmi (€6,882.67) rapprezentanti l-bilanc ta' self moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenut skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), u dana wara illi tilef il-beneficcju tat-terminu minhabba illi naqas milli josserva t-termini ta' hlas.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2666/2013, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici prezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-26 ta' Marzu, 2014 (fol 9) fejn l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici llum huwa fl-ammont ta' sitt elef, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmi (€6,382.67).

Rat ir-rikors tal-partijiet ipprezentat fir-Registru tal-Qorti nhar it-28 ta' Marzu 2014 fejn talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza abbazi tal-ftehim milqugh bejniethom kif indikat lill-Qorti din l-istess nota.

Illi l-partijiet qablu illi l-bilanc restanti fl-ammont ta' ta' sitt elef, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmi (€6,382.67) ghandu jithallas mill-konvenut lis-socjeta' attrici fl-ammont mensili u konsekuttiv ta' mitejn u hamsin ewro (€250). Qablu wkoll illi l-imghax legali fuq dan il-bilanc ghandu jibda jiddekorri biss f'kaz il-konvenut ikun moruz f'pagament wiehed meta f'dak il-kaz jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-imghax jibda jiddekorri fuq il-

bilanc restanti mid-data ta’ notifika tal-ittra ufficjali numru 2666/2013. Qablu wkoll illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sofferti mill-konvenut.

**Ghaldaqstant in vista tal-premess, il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici ridotta fl-ammont ta’  sitt elef, tliet mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmi (€6,382.67) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici din l-istess somma f’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) bl-ewwel pagament ghandu jsir sa mhux aktar tard mill-15 ta’ April 2014.**

**Il-Qorti taghmilha cara li f’kaz li l-konvenut jonqos b’pagament wiehed huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu moghti lilu u l-bilanc restanti jkun kollu dovut flimkien mal-interessi fuq l-istess somma restanti li ghandha tigi kalkolata mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru 2666/2013.**

**L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2666/2013 huma a karigu tal-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------